"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 01/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 9 ta' Frar 2011 fis-6.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **-** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 13/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/02 -* Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-proposti li saru mill-Kumitat għal Qajjenza Aħjar. Il-Kamra wara li evalwat il-proposti punt, punt ikkonkludiet li :

- l-art imsemmija hi tal-privat għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jitlob devoluzzjoni għaliha.
- fir-rigward ta' permessi għall-spiżerija, il-Kunsill ma jidħolx f'dan il-qasam.
- fil-pjanti mħejjija mid-Dipartiment tal-Gvern hemm ippjanat *embellishment* sħiħ għax-xatt tal-Qajjenza u l-Kunsill qed jistenna l-Gvern Ċentrali jimplimenta dan il-proġett (*railings* u bankijiet).
- il-Kunsill kiteb lil Maritime Authority fuq din l-islipway u kellna risposta li din ġiet irranġata, għaldaqstant il-Kunsill ser jerġa' jivverifika.
- fir-rigward ta' installazzjoni ta' lampi tad-dawl, il-Kunsill ser jagħmel applikazzjoni lill-Enemalta.
- Triq l-Għansar minħabba li għadha triq *macadam* (qatt ma saret) trid issir l-ewwel darba mill-Gvern Ċentrali.

- kemm il-darba l-Kunsill inaddaf dawn it-toroq u li ma nistgħux innaddfu hemm biss imma hemm skeda li nimxu magħha. Il-problema qed joħolquha r-residenti stess meta ma joħorġux l-iskart fil-ħin.

- dan is-sit ġie rrapportat kemm il-darba lill-MEPA pero' bla ebda suċċess. Il-Kunsill ser jerġa' jirrapporta.

- il-Kunsill ser iġib kwotazzjoni għal *crash barrier* fi Triq Arturo Issel.

- dan ir-rapport ser jiġi mgħoddi lill-Pulizija.

*02/02* - Wara li saret il-laqgħa tas-Sindki f'Ottubru li għadda ġie deċiż li jsiru arranġamenti sabiex flimkien mal-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-President tar-Reġjun issir laqgħa bejn ic-Chairman tal-MEPA u l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva u aċċetta li ssir din il-laqgħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*03/02* - Tressqet talba mill-Grupp Armar tal-Festa sabiex jinbidel il-festun tax-xatt ma' wieħed ġdid, u huma lesti jagħtu dan is-servizz bl-anqas spejjeż possibbli. Il-Kunsill unanimament qabel li la l-festun l-antik m'għadux tajjeb għandu jiġi rritornat l-uffiċċju tal-Kunsill u għandu jintalab parir ta' persuna professjonali sabiex isir festun ġdid b'teknoloġija *energy saving*.

***AĠENDA -3***

Wara d-diversi laqgħat li l-Kunsill attenda flimkien mal-MEPA, mal-Port Ħieles u ma' Birżebbuġa Environment Action Group tfassal min-naħa tal-MEPA l-*environmental permit* għal Malta Freeport Terminals Ltd. Għaldaqstant il-Perit Carmel Cacopardo li jirrappreżenta l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa informa l-Kamra dwar il-kundizzjonijiet li hemm f'dan il-permess li fost l-aktar importanti nsibu :

- Il-Port Ħieles għandu lista ta' affarijiet li jrid jagħmel kull sena. Bħal rapporti li jindirizzaw il-ħoss, tniġġis mid-dawl u t-tniġġis tal-baħar u wara li jsiru dawn ir-rapporti issir *action plan* ta' kif il-ħażin u dak li hu esaġerat ser jiġi rranġat. Dan l-abbozz qed jobbliga l-Port Ħieles jindirizza l-*issues* li jaffettwaw lir-residenti u l-ambjent.

- Fost l-emendi għal dan l-abbozz li ser jipproponi l-Perit insibu li kull meta l-Port Ħieles jissottometti proposti lill-MEPA għal tibdil f'dan il-permess, il-MEPA trid tikkonsulta mal-Kunsill Lokali u ma' Birżebbuġa Environment Action Group. Filwaqt li meta l-MEPA tkun trid tibdel xi punti fil-permess, dan it-tibdil għandu jiġi approvat, wara konsultazzjoni ma' Birżebbuġa Environment Action Group, minn naħa tal-Kunsill qabel isir. Ukoll li l-Kunsill ikollu l-jedd li jitlob l-assistenza ta' persuni professjonali, a spejjeż li jintrefgħu mill-Port Ħieles, sabiex isegwi kontinwament u jinterpreta rapporti.

Il-Kamra faħret ix-xogħol li dejjem għamel il-Perit għal ġid tar-residenti ta' Birżebbuġa u qablet mal-emendi li ressaq il-Perit. Filwaqt li l-Perit faħħar ix-xogħol li għamel il-Kunsill flimkien ma' Birżebbuġa Environment Action Group għaliex kienet l-ewwel darba li Kunsill Lokali jidħol fid-dettal ma' intrapriża sabiex joħroġ permess simili.

***AĠENDA -4***

Il-Kunsilliera, B.Pace, *Chairperson* għall-Edukazzjoni u Attivitajiet Kulturali, resqet proposta sabiex tingħata l-approvazzjoni tal-Kamra ħalli jinħoloq sotto-kumitat għal attivitajiet Edukattivi u Kulturali minħabba li l-attivitajiet qegħdin dejjem jiżdiedu. Hi diġa ġiet avviċinata minn grupp ta' nies li jixtiequ jaħdmu volontiera għal dan il-għan bit-tir li bid-donazzjonijiet u bil-qligħ li jsiru minn attivitajiet organizzati jiġu mgħejjuna tfal mil-lokal fil-bżonn. Dan ser isir billi jinħoloq bord apposta sabiex jiskrutinja t-talbiet għal għajnuna. Il-Kamra unanimament qablet ma' din l-inizjattiva.

***AĠENDA -5***

L-Offerti Pubbliċi u l-Kwotazzjonijiet ser jiġu diskussi fis-Seduta tal-Kunsill li jmiss.

***AĠENDA -6***

Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-aħħar kwart tas-sena 2010 – Ottubru sa Diċembru. Il-Kamra approvat dan ir-rapport.

***AĠENDA -7***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Jannar 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €65538.06 titħallas skond skeda nru. 01/11.

***AĠENDA -8***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

    a) l-applikazzjoni taħt l-iskema UIF sabiex tinbena mill-ġdid il-bankina ta' Triq it-Tankijiet ġiet aċċettata u qed nistennew li jibagħtu għalina għall-iffirmar tal-kuntratt.

    b) il-Kunsill Lokali applika, taħt skema għall-binjiet tal-Gvern li ħareġ il-Gvern Ċentrali flimkien mal-Awtorita' tad-Djar, sabiex jingħata l-fondi ħalli jiġu rranġati l-*boundary walls* ta' madwar il-*housing estate*.

    c) l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jorganizza l-attivita' 'Those were the days' ma ġietx aċċettata.

2. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward ta' żewġ dgħajjes li jinsabu mitluqin fi Triq il-Port Ħieles li qed idejqu lir-residenti tal-madwar.

3. B.Pace ippreżentat fuq il-mejda tal-Kamra *draft* tal-fuljett tal-Kunsill. Dan ġie approvat unanimament mill-Kamra. Ukoll fir-rigward tal-maratona ta' Porto San Giorgio fejn il-Kunsill ser itella' atleti mil-lokal sabiex jieħdu sehem fiha, B.Pace talbet lill-Kunsill għal *budget* sabiex ikun ta' għajnuna għal din l-attivita'. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tinħareġ sejħa minn fost ir-residenti għal dawk interessati li jieħdu sehem f'din l-attivita' u bord magħżul apposta jiggudika lil dawk li japplikaw. Ukoll il-Kamra approvat *budget* ta' €150 għal kull min jitla' sa massimu ta' seba' persuni.

4. Is-Sindku informa l-Kamra li l-Kunsill qiegħed isib problema sabiex toħroġ l-LA minn naħa tal-WSC għax-xogħol ta' asfaltar ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa minħabba xogħol ta' servizzi ta' djar li WSC jridu jagħmlu u li l-Kunsill ma aċċettax li dan isir minħabba li l-istess xogħol sar mill-WSC stess fl-2007.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.05pm. Seduta oħra ser issir nhar, it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| ***Schedule of Payments 01/11*** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Period 01/01/2011 till 31/01/2011*** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount** |
| 8303-8308/8313 | Salaries | Salaries and Wages Dec 10 | €7,298.97 |
| 8309 | MK Leisure | Xmas Lunch | €598.70 |
| 8311 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | €62.00 |
| 8312 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | €58.00 |
| 8314 | Fenech Charles | Tipper Truck Nov 10 | €1,452.00 |
| 8310 | DOI | Advert | €18.64 |
| 8293 | Grupp Armar tal-Festa | 4 national feasts + Fustun | €1,022.00 |
| 8295 | Paolo Salvatore Giambone | Tools | €100.00 |
| 8315 | James Caterers Ltd. | Food | €144.47 |
| 8316 | Mary Jane Cutajar | Garage Rent | €507.11 |
| 8317 | Petty Cash | Reimbursed Expenses | €114.12 |
| 8351 | Maria Fenech | Hall Cleaning | €17.00 |
| 8324 | J.Brincat | Newspapers Oct, Nov & Dec '10 | €131.65 |
| 8325 | Carmen Debattista | Library Opening Nov '10 | €93.28 |
| 8326 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | €485.31 |
| 8327 | Tino 2000 | Office Supplies | €34.74 |
| 8328 | M.G. Pulis | Parts for Agricultural Machines | €22.95 |
| 8329 | Supreme Travel Ltd. | Transport | €104.50 |
| 8330 | J.J. Ironmongery | Various Hardware Supplies | €1,833.59 |
| 8331 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | €87.02 |
| 8354 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | €109.10 |
| 8332 | GO plc | Telephone expenses Nov '10 | €439.54 |
| 8333 | Water Services Corporation | Water & Electricity Bill 24/08 - 25/11/2010 | €238.08 |
| 8334 | Erremme Business Advisors | Professional Services | €350.00 |
| 8335 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Supply of Slabs, Droppers, Kerbs & Aggregate | €134.01 |
| 8336 | Patrick Cellars Ltd. | Office Supplies | €480.02 |
| 8337 | Patrick Cellars Ltd. | Office Supplies | €453.60 |
| 8338 | Merlin Library Ltd | Bookfair | €79.00 |
| 8339 | Zurrieq Joint Committee | Local Enf. Exp Oct & Nov '10 | €9,676.10 |
| 8340 | Salina Operators Ltd. | Razzett L-Antik on 19/11/2010 -Jum l-Anzjan | €962.00 |
| 8341 | Anglu Cutajar | Handyman service re: Gemellagg | €215.20 |
| 8322 | RVS Ltd | Refuse Collection Dec' 10 | €7,684.00 |
| 8343 | ELC | Cleaning of Public Gardens Dec '10 | €1,147.92 |
| P/O 8344 | New Era Waste Services | Street Cleaning Dec '10 | €1,939.58 |
| P/O 8344 | New Era Waste Services | Extra Sweeping Dec '10 | €566.40 |
| P/O 8344 | New Era Waste Services | Servizz ta' tindif Tal-Papa area Dec '10 | €1,095.00 |
| P/O 8345 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Convenience Dec '10 | €1,017.29 |
| P/O 8345 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Places Dec '10 | €332.92 |
| P/O 8345 | Ronald & Chris Bezzina | Extra Work Nov '10 | €20.00 |
| P/O 8345 | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse Dec '10 | €289.50 |
| P/O 8345 | Ronald & Chris Bezzina | Servizz ta' tindif Qajjenza area Dec '10 | €2,000.00 |
| P/O 8345 | Ronald & Chris Bezzina | Mechanical Sweeping Promenade Dec'10 | €1,960.00 |
| 8346 | Frame It Up | Frame | €25.00 |
| Bank Transfer | European Cities Against Drugs | Yearly Membership Fee | €200.00 |
| 8347 | WasteServ Malta Ltd | Tipping Fees Oct & Nov 10 | €7,275.34 |
| 8318 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE Nov '10 | €2,186.84 |
| 8319 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE Sept '10 | €2,146.40 |
| 8320 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE Dec '10 | €6,045.41 |
| 8342 | Raymond Cutajar | Use of School Hall Nov - Dec '10 | €206.36 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8348 | Pauline Ellul | Office Cleaning Dec '10 | €76.00 |
| 8349 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses Dec '10 | €32.50 |
| 8350 | Michael Magro | Reimbursed Expenses Dec '10 | €40.50 |
| 8353 | Swallow Ltd | Trips Nov & Dec '10 | €251.55 |
| 8355 | Alfred Fenech | Water Supply by Bowser | €186.34 |
| 8365 | Charlie Fenech | Tipper Truck December 10 | €1,386.00 |
| 8367 | Sound Vision Print | Advert | €52.82 |
| 8368 | Allied Newspapers | Advert | €51.68 |
| | | **Total Paid** | **€65,538.06** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**